II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' April 2009

li tapprova t-talbiet minn Ċipru, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-eżenzjoni mill-obbligu li jħejju Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2231)

(It-testi bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

(2009/310/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 jistabbilixxi qafas għall-harsien u għall-użu sostenibbli tal-istokk tas-sallura Ewropea fl-ilmijiet tal-Komunità u fil-laguni mal-kosta, fl-estwarji, u fix-xmajjar u l-ilmijiet interni komunikanti tal-Istati Membri.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 jesiġi li l-Istati Membri jidentifikaw u jiddefnixxu l-baċiri tax-xmajjar individwali li jinsabu fit-territorju nazzjonali tagħhom li jikkostitwixxu ħabitats għas-sallura Ewropea. L-Istati Membri għandhom iħejju Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur għal kull baċir ta' xmara li fih jinsab is-sallur.

(3) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 jistipula li Stat Membru jista' jkun eżentat mill-obbligu li jħejji Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur jekk tingħata ġustifikazzjoni adegwata li baċiri ta' xmajjar jew ilmijiet marittimi li huma fit-territorju tiegħu ma jikkostitwux ħabitat naturali għas-sallura Ewropea. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni talba għal eżenzjoni. It-talba trid tiġi approvata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' evalwazzjoni teknika u xjentifika mill-STEFC jew minn korp xjentifiku xieraq ieħor.

(4) Ċipru, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja kkomunikaw lill-Kummissjoni talbiet għal eżenzjoni mill-Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur, li jinkludi ġustifikazzjonijiet xierqa.

(5) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES) ipprovda lill-Kummissjoni b'evalwazzjoni teknika u xjentifika tat-talbiet.

(6) Skont l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES), il-baċiri tax-xmajjar jew l-ilmijiet marittimi kkonċernati bit-talbiet għall-eżenzjoni msemmija hawn fuq ma jistgħux jiġu identifikati u ddefiniti bħala ħabitats naturali għas-sallura Ewropea għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007.

[1] ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17.

(7) Għalhekk, fid-dawl tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007, huwa xieraq li l-Istati Membri rilevanti jingħataw eżenzjonijiet mill-obbligu li jħejju Pjanijiet ta' Ġestjoni għas-Sallur.

(8) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri li ġejjin huma eżentati mill-obbligu li jħejju Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007

(a) Ċipru

(b) Malta,

(ċ) L-Awstrija,

(d) Ir-Rumanija,

(e) Is-Slovakkja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Rumanija u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni